**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1035/97**

**tat-2 ta' Ġunju, 1997,**

**li jwaqqaf Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija.**

(ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►**M1** | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1652/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 | L 245 | 33 | 29.9.2003 |

▼B

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1035/97

## tat-2 ta' Ġunju, 1997,

## li jwaqqaf Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 213 u l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

(1) billi l-Komunità għandha tirrispetta drittijiet fundamentali fit-tfassil u l-applikazzjoni tal-politika tagħha u fl-atti legali li hija tadotta; billi, b'mod partikolari, il-konformità mad-drittijiet tal-bniedem tikkostitwixxi kondizzjoni għal-legalità ta' atti tal-Komunità;

(2) billi l-ġbir u l-analiżi ta' tagħrif oġġettiv, ta' min joqgħod fuqu u komparabbli dwar il-fenomeni tar-razziżmu, il-ksenofobija u l-anti-semitiżmu huma għalhekk meħtieġ fuq livell Komunitarju biex jingħata tagħrif sħiħ lill-Komunità dwar dawk il-fenomeni biex il-Komunità tkun tista' tħares l-obbligu li għandha li tirrispetta d-drittijiet fundamentali u biex tkun tista' tqishom fit-tfassil u l-applikazzjoni tal-politika u ta' l-atti li tadotta fil-qasam tal-kompetenza tagħha;

(3) billi l-istituzzjonijiet tal-Komunità u l-Istati Membri saħqu kemm-il darba fuq l-importanza tar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem;

(4) billi f'Dikjarazzjoni Konġunta tal-5 ta April, 1977 ([4]), il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni saħqu fuq "kemm iqisuha ta' importanza ewlenija l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali" u ddikjaraw illi "fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom u biex jilħqu l-għanijiet tal-Komunitajiet Ewropej huma jirrispettaw u ser jibqgħu jirrispettaw dawk id-drittijiet";

(5) billi fil-11 ta' Ġunju, 1986, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, ir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, meta ltaqgħu fil-Kunsill u fil-Kummissjoni, adottaw Dikjarazzjoni Konġunta fuq ir-razziżmu u l-ksenofobija ([5]) fejn saħqu dwar l-"importanza li jkun hemm tagħrif biżżejjed u oġġettiv u li ċ-ċittadini jsiru jafu bil-perikli tar-razziżmu u l-ksenofobija, u l-ħtieġa li jkun assigurat li l-atti u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni ma jitħallewx isiru jew jitrażżnu";

(6) billi fid-29 ta' Mejju, 1990, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, f'laqgħa tal-Kunsill, adottaw Riżoluzzjoni dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija ([6]);

(7) billi fil-5 ta' Ottubru, 1995, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, f'laqgħa tal-Kunsill, adottaw Riżoluzzjoni dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija fl-oqsma ta' l-impjiegi u l-affarijiet soċjali ([7]), u fit-23 ta' Ottubru, 1995, adottaw Riżoluzzjoni dwar t-tweġiba tas-sistemi edukattivi għall-problemi tar-razziżmu u l-ksenofobija ([8]);

([1]) ĠU C 78, tat-12.3.1987, p. 15.
([2]) ĠU C 132, ta' l-4.28.1997.
([3]) ĠU C 158, tas-26.5.1997, p. 9.
([4]) ĠU C 103, tas-27.4.1977, p. 1.
([5]) ĠU C 158, tal-25.6.1986, p. 1.
([6]) ĠU C 157, tas-27.6.1990, p. 1.
([7]) ĠU C 296, ta' l-10.11.1995, p. 13.
([8]) ĠU C 312, tat-23.11.1995, p. 1.

▼B

(8) billi fil-15 ta' Lulju, 1996, il-Kunsill, waqt li aġixxa skond l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, adotta Azzjoni Konġunta għal ħidma fil-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija ([1]);

(9) billi fit-23 ta' Lulju, 1996, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta l-Istati Membri, f'laqgħa tal-Kunsill, adottaw Riżoluzzjoni dwar is-Sena Ewropea Kontra r-Razziżmu (1997) ([2]);

(10) billi l-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Corfu fl-24 u fil-25 ta' Ġunju, 1994, iddeċieda li jżid l-isforzi biex jiddefinixxi, fuq il-livell ta' l-Unjoni Ewropea, strateġija globali maħsuba biex tiġġieled atti ta' razziżmu u vjolenza ksenofobika; billi għal dan il-għan il-Kunsill waqqaf Kummissjoni Konsultattiva biex tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija;

(11) billi l-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Cannes fis-26 u s-27 ta' Ġunju, 1995, talab lill-Kumitat Konsultativ biex jestendi x-xogħol tiegħu biex jistudja, b'koperazzjoni mill-qrib mal-Kunsill ta' l-Ewropa, jekk jistax jitwaqqaf Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija;

(12) billi l-konklużjonijiet ta' l-istudju dwar jekk dan jistax isir ingħataw lill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa ta' Firenze fil-21 u t-22 ta' Ġunju, 1996;

(13) billi l-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa ta' Firenze, ġedded id-determinazzjoni ta' l-Unjoni li tiġġieled kontra r-razziżmu u l-ksenofobija bl-akbar rieda qawwija, u approva l-prinċipju li jsejjes it-twaqqif taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew;

(14) billi biex din il-ħidma ta' ġbir u analiżi ta' tagħrif dwar razziżmu, ksenofobija u anti-semitiżmu titwettaq sewwa u b'mod indipendenti kemm jista' jkun, u biex jinżammu l-kuntatti mill-qrib mal-Kunsill ta' l-Ewropa, jeħtieġ li jitwaqqaf korp awtonomu, iċ-Ċentru Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (iċ-Ċentru), fuq livell tal-Komunità, b'personalità ġuridika tiegħu;

(15) billi l-fenomeni tar-razziżmu, ksenofobija u anti-semitiżmu jiġbru fihom ħafna aspetti kumplessi u minsuġin sewwa ma' xulxin li bi tqila tifridhom; billi, b'riżultat ta' dan, il-ħidma ġenerali taċ-Ċentru għandha tkun il-ġbir u l-analiżi ta' tagħrif dwar bosta oqsma ta' attività tal-Komunit; billi l-ħidma taċ-Ċentru ser tikkonċentra fuq oqsma fejn tagħrif sewwa dwar dawk il-problemi huwa partikolarment meħtieġ għall-Komunità fix-xogħol tagħha;

(16) billi r-razziżmu u l-ksenofobija huma fenomeni li jitfaċċaw fil-livelli kollha tal-Komunità: lokali, reġjonali, nazzjonali u Komunitarji, u għalhekk it-tagħrif li jingħabar u li jkun analizzat fuq il-livell tal-Komunità jista' jkun ta' użu għall-awtoritajiet ta' l-Istati Membri fit-tfassil u l-applikazzjoni ta' miżuri fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom;

(17) billi għalhekk iċ-Ċentru ser jagħmel ir-riżultati tal-ħidma tiegħu disponibbli kemm għall-Komunità kif ukoll għall-Istati Membri;

(18) billi, fl-Istati Membri, hemm għadd ta'organizzazzjonijiet magħrufa li jistudjaw ir-razziżmu u l-ksenofobija;

(19) billi l-kordinazzjoni tar-riċerka u l-ħolqien ta' xibka ta' organizzazzjonijiet għandhom isaħħu l-użu u l-effetti ta' dan ix-xogħol;

(20) billi, biex tissaħħaħ il-koperazzjoni u biex l-affarijiet ma jidħlux f'xulxin u ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' xogħol, dak li għandu jagħmel iċ-Ċentru hu mistenni li jkollu kuntatti mill-qrib mal-Kunsill ta' l-Ewropa, li għandu esperjenza kbira f'dan il-qasam, kif ukoll koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra fl-Istati Membri u organizzazzjonijiet internazzjonali li huma kompetenti fl-oqsma li għandhom x'jaqsmu mal-fenomeni tar-razziżmu u l-ksenofobija;

([1]) ĠU L 185, ta' l-24.7.1996, p. 5.
([2]) ĠU C 237, tal-15.8.1996, p. 1.

▼B

(21) billi ċ-Ċentru nnifsu ser ikun jista' jiddeċiedi fuq arranġamenti amministrattivi għal koperazzjoni ma' dawk l-organizzazzjonijiet; billi, min-naħa l-oħra, hija l-Komunità li tilħaq, f'isem iċ-Ċentru, ftehim mal-Kunsill ta' l-Ewropa bil-għan li jkun hemm koperazzjoni mill-qrib bejn dan ta' l-aħħar u ċ-Ċentru; billi l-istess ser japplika biex jintlaħaq ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra jew ma' pajjiżi terzi kull ftehim li jista' jkun meħtieġ biex iċ-Ċentru jagħmel ix-xogħol tiegħu;

(22) billi l-ħarsien ta' *data* personali li ċ-Ċentru jipproċessa u jiskambja għandu jkun assigurat skond id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru, 1995, dwar il-ħarsien ta' individwi dwar l-ipproċessar ta' data personali u l-moviment ħieles ta' l-istess *data* ([1]);

(23) billi ċ-Ċentru għandu jgawdi l-aqwa awtonomija fit-twettiq tax-xogħol tiegħu;

(24) billi l-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddeċiedi, skond klawsola ta' arbitraġġ, tilwim dwar ir-responsabbilà kuntrattwali taċ-Ċentru, kif ukoll tilwim dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali taċ-Ċentru; billi l-Qorti għandha wkoll ikollha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar azzjonijiet miġjuba kontra ċ-Ċentru skond il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 173 tat-Trattat;

(25) billi dan ir-Regolament jista', jekk jixraq, ikun addattat meta jiskadi fi żmien tlett snin, bil-għan li jkun deċiż jekk ix-xogħol taċ-Ċentru għandux jew le jinbidel jew tkun estiż, l-aktar minħabba tibdil li jista' jkun hemm fis-setgħat tal-Komunità;

(26) billi s-setgħat imsemmija fl-Artikolu 213 tat-Trattat biex jinġabar u jkun analizzat tagħrif dwar diversi oqsma ta' attività fil-Komunità ma jippermettux li tagħrif bħal dan jinġabar minn korp speċjalizzat u awtonomu b'personalità ġuridika tiegħu; billi l-Artikolu 235 għandu għalhekk ikun użat bħala l-bażi legali għat-twaqqif ta' korp bħal dan u biex it-tagħrif ikun jista' jintbagħat lill-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità u lill-Istati Membri,

Adotta dan ir-regolament:

*Artikolu 1*

Qed ikun b'dan imwaqqaf Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew dwar Razziżmu u Ksenofobija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru").

*Artikolu 2*

**Għan u ħidmiet**

1. L-għan ewlieni taċ-Ċentru huwa li jipprovdi lill-Komunità u lill-Istati Membri tagħha, l-iktar fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 3(3), b'*data* oġġettiva, ta' min joqgħod fuqha u komparabbli fuq livell Ewropew dwar il-fenomeni tar-razziżmu, il-ksenofobija u l-anti-semitiżmu biex tgħinhom jieħdu miżuri u jfasslu strateġija ta' azzjoni fl-oqsma rispettivi tagħhom ta' kompetenza.

2. Iċ-Ċentru għandu jistudja kemm huma kbar u kif żviluppaw il-fenomeni u l-manifestazzjonijiet ta' razziżmu, ksenofobija u anti-semitiżmu, janalizza l-kawżi, il-konsegwenzi u l-effetti tagħhom, u jeżamina eżempji ta' prattika tajba fil-konfront tagħhom. Għal dawn l-għanijiet, biex jagħmel din il-ħidma, iċ-Ċentru għandu:

(a) jiġbor, jirreġistra u janalizza tagħrif u *data*, inkluża *data* li tirriżulta minn riċerka xjentifika mgħoddija lilu minn ċentri ta' riċerka, Stati Membri, istituzzjonijiet tal-Komunità, organizzazzjonijiet internazzjonali - partikolarment dawk imsemmija fl-Artikolu 4(1) - u organizzazzjonijiet mhux governattivi;

([1]) ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31.

▼B

(b) iġib il-koperazzjoni bejn dawk li jipprovdu tagħrif u jiżviluppa politika biex isir użu tad-*databases* tagħhom flimkien biex jinġieb 'il quddiem, fejn jixraq, fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, tqassim fil-wisa' tat-tagħrif tagħhom;

(ċ) jagħmel riċerka u stħarriġ xjentifiċi, studji ta' tħejjija u studji ta' fattibilità, fejn jixraq, fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni. Meta jagħmel dan, iċ-Ċentru għandu jqis studji diġa eżistenti u attivitajiet oħra (konferenzi, seminars, riċerka kontinwa, pubblikazzjonijiet) speċjalment ta' dawk iċ-ċentri u organizzazzjonijiet li magħhom għandu kuntatt fin-*Network* Ewropew ta' Tagħrif dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (Raxen), biex ma jħallix li jkun hemm duplikazzjoni u biex jiggarantixxi kemm jista' jkun l-aħjar użu ta' riżorsi. Għandu wkoll jorganizza laqgħat għal esperti u, kull meta jkun meħtieġ, iwaqqaf gruppi ta' ħidma *ad hoc*;

(d) iwaqqaf riżorsi ta' dokumentazzjoni miftuħa għall-pubbliku, jinkoraġġixxi l-promozzjoni ta' attivitajiet ta' informazzjoni u jmexxi 'l quddiem riċerka xjentifika;

(e) jifformula konklużjonijiet u opinjonijiet għall-Komunità u għall-Istati Membri tagħha;

(f) jiżviluppa metodi biex itejjeb il-komparabilità, l-oġġettività u l-affidabilità tad-*data* fuq livell tal-Komunità billi jwaqqaf indikaturi u kriterji li jtejbu l-konsistenza tat-tagħrif;

▼M1

(g) jiġi ppubblikat rapport annwali fuq is-sitwazzjoni dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija fil-Komunità, li jenfasiżża wkoll eżempji ta' prattika tajba, u rapport annwali dwar l-attivitajiet fuq iċ-Ċentru stess;

▼B

(h) iwaqqaf u jikkordina n-*Network* Ewropew ta' Tagħrif dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (Raxen), li jkun magħmul mit-taqsima prinċipali taċ-Ċentru, li għandu jikkopera ma' ċentri ta' riċerka ta' universitajiet nazzjonali, organizzazzjonijiet mhux governattivi u ċentri speċjalizzati mwaqqfa minn organizzazzjonijiet fl-Istati Membri jew organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 7;

(i) jiffaċilita u jinkoraġġixxi li jkunu organizzati regolarment diskussjonijiet madwar mejda jew laqgħat ta' korpi konsultattivi permanenti oħra eżistenti fl-Istati Membri, bis-sehem ta' l-imsieħba soċjali, ċentri ta' riċerka u rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi kompetenti u persuni u korpi oħra li jkollhom x'jaqsmu fil-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija. Iċ-Ċentru għandu jqis ir-riżultati tad-diskussjonijiet nazzjonali madwar mejda jew ta' korpi konsultattivi permanenti oħra eżistenti fir-rapport annwali tiegħu fuq is-sitwazzjoni dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija fil-Komunità.

*Artikolu 3*

**Metodi ta' xogħol u oqsma ta' ħidma**

1. Iċ-Ċentru għandu jwettaq il-ħidma tiegħu skond il-kompetenzi tal-Komunitajiet u skond l-għanijiet adottati fil-programm annwali tiegħu u billi jqis sewwa r-riżorsi finanzjarji li jkollu.

2. Fit-twettiq tal-ħidma tiegħu, iċ-Ċentru għandu, biex ma jħallix li jkun hemm duplikazzjoni, iqis ħidmiet li jkunu diġa saru mill-istituzzjonijiet tal-Komunità u minn istituzzjonijiet, korpi u organizzazzjonijiet kompetenti internazzjonali oħra, partikolarment il-Kunsill ta' l-Ewropa, u għandu jassigura li, permezz ta' koperazzjoni mill-qrib mal-Kunsill ta' l-Ewropa, jagħti valur miżjud.

3. It-tagħrif u d-*data* li jkollhom jinġabru u jiġu pproċessati, ir-riċerki xjentifiċi, stħarriġ u studji li jkollhom isiru jew li jkunu nkuraġġiti li jsiru għandhom ikunu skond il-kobor, l-iżvilupp, il-kawżi u l-effetti tal-fenomeni tar-razziżmu u ksenofobija, partikolarment fl-oqsma li ġejjin:

(a) il-moviment ħieles tal-persuni fil-Komunità;

(b) informazzjoni u xandir televiżiv u mezzi tal-massa u mezzi ta' komunikazzjoni;

▼B

(ċ) edukazzjoni, taħriġ vokazzjonali u żgħażagħ;

(d) politika soċjali inkluż l-impjiegi;

(e) moviment ħieles ta' oġġetti;

(f) kultura.

*Artikolu 4*

*Network* **Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (Raxen)**

1. Biex in-*Network* imsemmi fl-Artikolu 2(2)(h) ikun jista' jitwaqqaf malajr u sewwa kemm jista' jkun, l-Istati Membri għandhoim jibagħtu liċ-Ċentru lista taċ-ċentri u organizzazzjonijiet li jafu bihom kif imsemmi f'dak l-Artikolu.

2. Meqjusa l-lista msemmija fil-paragrafu 1, il-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru għandu jistieden lill-organizzazzjonijiet kompetenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-fenomeni tar-razziżmu u l-ksenofobija jew dawk l-organizzazzjonijiet li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-analiżi ta' dawk il-fenomeni, biex jissieħbu f'Raxen.

3. Iċ-Ċentru jista' jidħol f'relazzjonijiet kuntrattwali, partikolarment f'arranġamenti sotto-kuntrattwali, ma' l-organizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, biex jitlestew xogħlijiet li jista' jafdalhom.

Iċ-Ċentru jista wkoll jidħol f'relazzjonijiet kuntrattwali, fuq bażi *ad hoc* u għal xogħlijiet speċifiċi, ma' korpi li mhumiex imsieħba f'Raxen.

L-allokazzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet għandha tidher fil-programm annwali taċ-Ċentru.

*Artikolu 5*

**Ħarsien u kunfidenzalità ta'** *data* **personali**

1. Iċ-Ċentru jista' jiġbor data personali biss biex jagħmel ix-xogħol tiegħu skond kif imsemmi f'dan ir-Regolament. Iċ-Ċentru għandu japplika d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE għall- ipproċessar u skambju ta' *data* personali taħt dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, regoli li jwettqu dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu adottati, partikolarment dawk dwar id-drittijiet ta' individwi interessati, il-kunfidenzalità u s-sigurtà ta' l-ipproċessar, il-ħarsien xieraq għaż-żamma ta' l-anonimità tad-*data* qabel ma tixxandar, u s-sorveljanza interna ta' l-ipproċessar.

2. Ir-regoli ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Iċ-Ċentru jista' ma jipproċessax *data* personali qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regoli u sakemm ma' titwaqqafx u tibda taħdem awtorità ta' sorveljanza skond kif imfisser fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE.

Sakemm tinħatar awtorità bħal din jew awtoritajiet imwaqqfa għall-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità, dak li jagħmel iċ-Ċentru dwar regoli għall-ħarsien ta' *data* għandu jkun taħt is-sorveljanza ta' l-Ombudsman skond kif imsemmi fl-Artikolu 138e tat-Trattat, fil-qafas tad-doveri mogħtija lilu b'dak it-Trattat.

3. Sad-data tat-twettiq tad-Direttiva 95/46/KE, fejn, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jibagħtu jew jirċievu *data* personali, huma għandhom japplikaw il-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom dwar il-ħarsien ta' *data* għall-ipproċessar ta' *data* bħal dik.

Sad-data hawn fuq imsemmija, Stat Membru li jkun bagħat *data* liċ-Ċentru, jista' jsib oġġezzjoni li dik id-*data* tintbagħat lil Stat Membru ieħor jew jara li dak li jintbagħat jitħares permezz ta' kondizzjonijiet, jekk min jirċievi d-*data* mibgħuta għall-ipproċessar ma jagħtix garanzija ta' standard ta' ħarsien ta' *data* ekwivalenti għal dak imsemmi fid-Direttiva 95/46/KE.

F'kull każ, *data* personali miġbura miċ-Ċentru u mibgħuta minnu lill-Komunità jew lill-Istati Membri ma għandhiex titqiegħed ġo fajl u wara tintuża minn dawn ta' l-aħħar b'mod li ma jkunx jaqbel ma' l-għanijiet li għalihom iċ-Ċentru jkun ġabarha.

▼B

4. Stati Membri u korpi nazzjonali li jikkoperaw maċ-Ċentru m'għandhom ikunu taħt l-ebda obbligu li jagħtu tagħrif ikklassifikat bħala kunfidenzali skond il-liġi nazzjonali tagħhom.

▼M1

*Artikolu 5a*

1. Ir-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (tat-30 ta' Mejju 2001) dwar aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([1]) għandu jgħodd għad-dokumenti li jinżammu miċ-Ċentru.

2. Il-Bord Amministrattiv għandu jadotta l-arranġamenti prattiċi biex ikun implimentat ir-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1652/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Nru. 1035/97 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija ([2]).

3. Id-deċiżjonijiet meħuda miċ-Ċentru skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 jistgħu jagħtu lok għal preżentazzjoni ta' ilment lill-Ombudsman jew jikkostitwixxu s-suġġett ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 195 and 230 tat-Trattat rispettivament.

▼B

*Artikolu 6*

**Personalità u kapaċità legali**

Iċ-Ċentru għandu jkollu personalità ġuridika. Huwa għandu jgawdi, f'kull Stat Membru, kapaċità legali l-aktar estensiva kif mogħtija lil persuni legali skond il-liġijiet tagħhom. Partikolarment, huwa jista' jakkwista jew jiddisponi minn proprjetà mobbli jew immobbli u jista' wkoll ikun parti fi proċeduri legali.

*Artikolu 7*

**Koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali**

1. Sabiex jgħinuh jagħmel ix-xogħol tiegħu, iċ-Ċentru għandu jikkopera ma' organizzazzjonijiet fl-Istati Membri jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, governattivi jew mhux governattivi kompetenti fil-qasam tal-fenomeni razzisti u ksenofobiċi.

2. L-arranġamenti amministrattivi għall-koperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu suġġett għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija.

3. Iċ-Ċentru għandu jikkordina l-attivitajiet tiegħu ma' dawk tal-Kunsill ta' l-Ewropa, partikolarment dwar il-programm tiegħu ta' ħidma skond l-Artikolu 8(3)(a). Għal dan l-għan, il-Komunità għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 228 tat-Trattat, tagħmel ftehim, f'isem iċ-Ċentru, mal-Kunsill ta' l-Ewropa biex ikun hemm koperazzjoni mill-qrib bejn dan ta' l-aħħar u ċ-Ċentru. Dan il-ftehim għandu jinkludi l-ħatra mill-Kunsill ta' l-Ewropa ta' persuna biex joqgħod fil-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru.

Jekk tintwera l-ħtieġa li jsiru ftehim ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra jew ma' pajjiżi terzi biex iċ-Ċentru jagħmel ix-xogħol tiegħu sewwa, il-Komunità għandha, skond l-istess proċedura msemmija hawn fuq, tagħmel ftehim bħal dawn f'isem iċ-Ċentru.

*Artikolu 8*

**Bord tat-Tmexxija**

1. Il-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru għandu jkun magħmul minn persuna indipendenti maħtura minn kull Stat Membru, persuna indipendenti maħtura mill-Parlament Ewropew, persuna indipendenti maħtura

([1]) ĠU L 145, 31.05.01, p. 43.
([2]) ĠU L 245, 29.09.03, p. 33.

▼B

mill-Kunsill ta' l-Ewropa skond l-Artikolu 7(3), u minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom ikunu persuni ta' esperjenza rilevanti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u fl-analiżi tal-fenomeni razzisti, ksenofobiċi u anti-semitiċi.

Kull membru għandu jkollu deputat maħtur bl-istess mod.

2. L-ismijiet tal-membri u d-deputati membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni biex ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Il-ħatra tagħhom għandha tkun għal tlett snin, u tista' tiġġedded darba. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jaħtar il-President u Viċi-President tiegħu u l-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv kif imsemmija fl-Artikolu 9.

Kull membru tal-Bord tat-Tmexxija, jew fl-assenza tiegħu, id-deputat tiegħu, għandu jkollu vot wieħed. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfuħa. Il-President għandu jivvota. Il-persuna maħtura mill-Kunsill ta' l-Ewropa tista' ma tivvotax dwar deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (d) u (e) tal-paragrafu 3.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa għat-tmexxija taċ-Ċentru. Partikolarment, huwa għandu:

(a) jistabilixxi l-programm annwali tal-ħidma taċ-Ċentru skond il-mezzi finanzjarji tiegħu u r-riżorsi disponibbli; dan il-programm jista' jkun rivedut meta jkun meħtieġ matul is-sena;

▼M1

(b) jadotta ż-żewġ rapporti annwali msemmija fl-Artikolu 2(2)(g) u l-konklużjonijiet u l-opinjonijiet tiegħu u jiġu mibgħuta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni; għandu jiżgura pubblikazzjoni tar-rapporti annwali msemmija fl-Artikolu 2(2)(g); ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru għandu jintbgħat mhux iktar tard mill-15 ta' Ġunju lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummisssjoni, lill-Qorti ta' l-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni;

▼B

(ċ) jaħtar id-Direttur taċ-Ċentru;

(d) jadotta l-abbozz ta' l-estmi finanzjarji u ta' l-estmi finanzjarji annwali finali taċ-Ċentru.

▼M1

---

▼B

4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċeduri. Il-Bord għandu jiltaqa', meta msejjaħ mill-President tiegħu, mill-inqas darbtejn fis-sena.

▼M1

5. Ta' kull sena ċ-Ċentru għandu jibgħat kull informazzjoni relevanti għar-riżultat tal-proċeduri ta' valutazzjoni lill-awtorità ta' l-estimi.

▼B

*Artikolu 9*

**Bord Eżekuttiv**

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul mill-President tal-Bord tat-Tmexxija, il-Viċi-President u mhux aktar minn tliet membri oħra tal-Bord tat-Tmexxija, magħduda l-persuna maħtura mill-Kunsill ta' l-Ewropa u r-rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Il-Bord Eżekuttiv għandu jissorvelja x-xogħol taċ-Ċentru, jissorvelja t-tħejjija u l-eżekuzzjoni ta' programmi u jħejji l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bl-għajnuna tad-Direttur taċ-Ċentru. Il-Bord Eżekuttiv għandu wkoll jagħmel kull xogħol mogħti lilu mill-Bord tat-Tmexxija, skond ir-regoli ta' proċedura ta' dan ta' l-aħħar.

▼B

*Artikolu 10*

**Direttur**

1. Iċ-Ċentru għandu jitmexxa minn Direttur maħtur mill-Bord tat-Tmexxija wara proposta mill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin, li jista jiġġedded.

2. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għal:

(a) it-twettiq tax-xogħlijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2);

(b) it-tħejjija u twettiq tal-programm annwali ta' l-attivitajiet taċ-Ċentru;

(ċ) it-tħejjija tar-rapport annwali, il-konklużjonijiet u l-opinjonijiet kif imsemmi f'dan ir-Regolament;

(d) kulma għandu x'jaqsam mal-persunal u ma' l-amministrazzjoni ta' kuljum.

3. Id-Direttur għandu jkun responsabbli ta' xogħlu lejn il-Bord tat-Tmexxija u għandu jattendi għal-laqgħat tiegħu u għal-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv.

4. Id-Direttur għandu jkun ir-rappreżentant ġuridiku taċ-Ċentru.

*Artikolu 11*

**Persunal**

1. Il-persunal taċ-Ċentru għandu jkun suġġett għar-Regolamenti u Regoli li japplikaw għal uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Iċ-Ċentru għandu jeżerċita fir-rigwrad tal-persunal tiegħu is-setgħat mgħoddija lill-awtorità tal-ħatra.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, bi ftehim mal-Kummissjoni, jadotta r-regoli xierqa ta' implimentazzjoni.

▼M1

*Artikolu 12*

**Tfassil ta' l-estimi**

1. Stimi ta' l-introjtu u l-infieq kollu taċ-Ċentru għandhom jiġu ppreparati għal kull sena finanzjarja, li tikkorrispondi għas-sena kalendarja, u għandhom jiġu murija fl-estimi taċ-Ċentru.

2. L-introjtu u l-infieq murija fl-estimi taċ-Ċentru għandhom jilħqu bilanċ.

3. L-introjtu taċ-Ċentru, mingħajr preġudizzju għal riżorsi oħra, għandu jikkomprendi:

(a) sussidju mill-Komunità, li hu mdaħħal fl-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea (Taqsima "Kummissjoni");

(b) pagamenti riċevuti għal servizzi mogħtija;

(ċ) kull kontribuzzjoni finanzjarja mill-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7;

(d) kull tip ta' kontribuzzjoni volontarja mill-Istati Membri.

4. L-infieq taċ-Ċentru għandu jinkludi r-rimunerazzjoni tal-persunal, spejjeż amministrattivi u ta' infrastruttura, spejjeż operattivi u spejjeż li jirriżultaw minn kuntratti ma' l-istituzzjonijiet u korpi li huma parti min-*network* Raxen jew ma' terzi parti.

5. Ta' kull sena il-Bord Amministrattiv, fuq il-bażi ta' abbozz imfassal mid-direttur, għandu jipproduċi stima ta' introjtu u infieq għaċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li jkun imiss. L-istima, li għandha tinkludi abbozz ta' pjan ta' stabbiliment, għandha tintbagħat mill-Bord Amministrattiv lill-Kummissjoni mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu.

▼M1

6. Din l-istima għandha tintbgħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa bħala "awtorità ta' l-estimi") flimkien ma' l-abbozz preliminari ta' estimi ta' l-Unjoni Ewropea.

7. Fuq il-bażi ta' l-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz preliminari tal-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea l-istimi li tqis bħala neċessarji għall-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tas-sussidju a karigu ta' l-estimi ġenerali, li għandha tqiegħed quddiem l-awtorità ta' l-estimi bi qbil ma' l-Artikolu 272 tat-Trattat.

8. L-awtorità ta' l-estimi tawtorizza l-approprjazzjonijiet għas-sussidju liċ-Ċentru. L-awtorità ta' l-estimi għandha tadotta l-pjan ta' stabbiliment għaċ-Ċentru.

9. L-estimi taċ-Ċentru għandhom jiġu adottati mill-Bord Amministrattiv. Għandhom isiru finali wara l-adozzjoni finali tal-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. Meta jkun il-każ, għandhom ikunu aġġustati kif jixraq.

10. Il-Bord Amministrattiv għandu jinnotifika, malajr kemm jista' jkun, lill-awtorità ta' l-estimi bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta kull proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikattivi fuq il-finanzjament ta' l-estimi tagħha, b'mod partikolari kull proġett li għandu x'jaqsam ma' propjetà bħal kera jew xiri ta' bini. Għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

Fejn xi fergħa ta' l-awtorità ta' l-estimi tkun innotifikat l-intenzjoni tagħha li tagħti opinjoni, hi għandha tingħat l-opinjoni tagħha lill-Bord Amministrattiv fi żmien sitt ġimgħat mid-data tan-notifika tal-proġett.

*Artikolu 12a*

**L-implimentazzjoni ta' l-estimi**

1. Id-Direttur għandu jimplimenta l-estimi taċ-Ċentru.

2. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet taċ-Ċentru għandu jikkomunika l-kontijiet proviżorji lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni, flimkien ma' rapport fuq l-amministrazzjoni ta' l-estimi u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet proviżorji ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi deċentraliżżati bi qbil ma' l-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

3. Sa mhux aktar tard mill-31 Marzu, wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet proviżorji taċ-Ċentru lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien ma' rapport dwar l-amministrazzjoni ta' l-estimi u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. Ir-rapport dwar l-amministrazzjoni ta' l-estimi u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja għandu jintbagħat ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

4. Meta jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet proviżorji taċ-Ċentru, skond l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, id-Direttur għandu jfassal il-kontijiet finali taċ-Ċentru taħt ir-responsabbilità tiegħu stess u jibgħathom lill-Bord Amministrattiv għal opinjoni.

5. Il-Bord Amministrattiv għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali taċ-Ċentru.

6. Id-Direttur għandu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena finanzjarja, jibgħat il-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien ma' l-opinjoni tal-Bord Amministrattiv.

7. Il-kontijiet finzjarji għandhom ikunu ppublikati.

8. Id-Direttur għandu jibgħat risposta lill-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-osservazzjonijiet tagħha sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru. Għandu jibgħat ukoll din ir-risposta lill-Bord Amministrattiv.

▼M1

9. Id-Direttur għandu jissottometti lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan ta' l-aħħar, kull informazzjoni meħtieġa rigward l-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' rilaxx għas-sena finanzjarja in kwistjoni, hekk kif stabbilit fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

10. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena N + 2, jagħti rilaxx lid-Direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-estimi għas-sena N.

11. Ir-regoli finanzjarji applikabbli għaċ-Ċentru għandhom jiġu adottati mill-Bord Amministrattiv wara li l-Kummissjoni tkun ġiet ikkonsultata. Dawn ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru. 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjaru kwadru għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) sakemm ma jkunux meħtieġa speċifikament għall-operazzjoni taċ-Ċentru u bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

▼B

*Artikolu 13*

Is-servizz ta' traduzzjoni meħtieġ biex iċ-Ċentru jitħaddem għandu, fil-prinċipju, jingħata miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għal korpi ta' l-Unjoni Ewropea imwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 2965/94 ([2]).

*Artikolu 14*

**Privileġġi u immunitajiet**

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandu japplika għaċ-Ċentru.

*Artikolu 15*

**Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja**

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali taċ-Ċentru għandha tkun regolata mill-liġi applikabbli għall-kuntratt in kwistjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni skond il-klawsoli ta' arbitraġġ li jkun hemm f'kuntratt magħmul miċ-Ċentru.

2. F'każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, iċ-Ċentru għandu, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri, jagħmel tajjeb għal kull ħsara kawżata miċ-Ċentru jew mill-impjegati tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni f'tilwim dwar kumpens għal ħsara bħal din.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni f'azzjonijiet miġjuba kontra ċ-Ċentru skond il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 173 tat-Trattat.

*Artikolu 16*

**Arraġamenti ta' rappurtaġġ**

Matul it-tielet sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar il-progress ta' l-attivitajiet taċ-Ċentru, flimkien ma' proposti, jekk ikun xieraq, biex jinbidel jew biex ikun estiż ix-xogħol tiegħu, meqjus, partikolarment, l-iżvilupp tas-setgħat tal-Komunità fil-qasam tar-razziżmu u l-ksenofobija.

([1]) ĠU L 357, tal-31.12.2002, pġ. 72 bil-Korriġendum fil-ĠU L 2, tas-7.1.2003, pġ. 39.
([2]) ĠU L 314, tas-7.12.1994, p. 1.

▼B

*Artikolu 17*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara d-data tad-deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-post fejn ser ikollu s-sede ċ-Ċentru.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.